MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2006

Appell Kriminali Numru. 185/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Stephen Anthony Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Stephen Anthony Portelli talli fis-16 ta' Marzu 2005 ghall-habta ta' 22.30 hrs fi Triq Testaferrata u Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex:

(1) Saq il-vettura BBM 782 minghajr ma kienet licenzjata mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinnovata);

(2) Ghamel uzu mill-imsemmija vettura minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Stephen Anthony Portelli jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta’ Mejju 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat li l-proceduri huma preskritti;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat General pprezentat fit-23 ta’ Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti “tibdel u timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat il-proceduri preskritti ghar-rigward biss tat-tieni imputazzjoni, thassarha u tirrevokaha fil-bqija, u minflok, wara li jinstemghu l-provi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f’din l-akkuza, u tinfliggi l-piena skond il-ligi, jew inkella, minhabba l-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-ewwel Qorti ghall-procediment bis-smiegh tal-kawza u decizjoni”;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tat-13 ta’ Ottubru 2006 fejn Dott. Arthur Azzopardi ghall-prosekuzzjoni ppreciza li l-appellant qed jitlob illi tigi dikjarata htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, mhux ta’ l-ewwel, u fejn Dott. Chris Cardona ghall-appellat eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta’ appell;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ghalkemm l-appellat qieghed jeccepixxi n-nullita` tar-rikors ta’ appell, dak li jippekka minnu dan ir-rikors huwa zball fl-istezura tieghu billi gew invertiti l-imputazzjonijiet kemm f’dik il-parti fejn l-appellant jispjega x’inhu l-aggravju tieghu kif ukoll fit-talba tieghu. Difatti fis-seduta tat-13 ta’ Ottubru 2006, Dott. Arthur Azzopardi ghall-appellant

iddikjara li l-appellant qieghed jitlob li tigi dikjarata htija fir-rigward tat-tieni imputazzjoni u mhux ta' l-ewwel.

Effettivament fir-rikors l-appellant jghid illi fir-rigward tat-tieni imputazzjoni l-perijodu preskrittiv huwa ta' tliet xhur filwaqt illi dak dwar l-ewwel imputazzjoni huwa ta' sentejn u jghaddi biex jitlob il-konferma tas-sentenza appellata fejn iddikjarat il-proceduri preskritti ghar-rigward "tat-tieni imputazzjoni" u r-revoka taghha fil-kumplament sabiex tinsab il-htija dwar "l-ewwel imputazzjoni".

Huwa evidenti illi fil-kaz odjern il-preskrizzjoni trimestrali tapplika ghall-ewwel imputazzjoni u mhux ghat-tieni filwaqt illi dik ta' sentejn tapplika ghat-tieni imputazzjoni u mhux ghall-ewwel.

L-izball li ha l-appellant fir-rikors ta' appell ma jistax jigi sanat u, kif maghmula t-talba, zgur ma tistax tintlaqa'.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------